



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussel, 23 ta' Ġunju 2007 (13.08)
(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:
2005/0247 (COD)**

**8520/4/07
REV 4 ADD 1**

**UD 41
ENFOCUSTOM 46
MI 86
COMER 60
TRANS 116
CODEC 352**

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill fit-23 ta' Ġunju 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ambjent mingħajr karti għad-dwana u l-kummerċ

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

I. INTRODUZZJONI

Il-Kummissjoni ssottomettiet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Kunsill fil-5 ta' Diċembru 2005¹.

Il-Parlament Ewropew ta l-Opinjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-12 ta' Diċembru 2006, mingħajr ebda emenda għall-proposta.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-Opinjoni tiegħu fit-13 ta' Settembru 2006².

Taħt il-proċedura ta' ko-deċiżjoni (Artikolu 251 TKE), fit-23 ta' Ġunju 2007 il-Kunsill, filwaqt li qies l-ewwel qari tal-Parlament, adotta l-pożizzjoni komuni tiegħu dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni.

II. OBJETTIV

L-iskop tad-Deċiżjoni proposta huwa li jinholq strument għall-implimentazzjoni ta' sistemi doganali awtomatizzati, interoperabbli u aċċessibli, kemm taħt il-Kodiċi Doganali attwali kif ukoll taħt dak immodernizzat futur, u għal proċessi u servizzi koordinati. Dan l-istrument huwa intiż biex joħloq l-impenji meħtieġa biex jiġu implimentati sistemi doganali elettroniċi differenti u l-kondizzjonijiet għal impenji futuri għall-kunċetti tas-'Single Window' u l-'One-Stop-Shop' (post wieħed għall-kisba ta' informazzjoni). L-objettiv prinċipali tiegħu huwa li jiġi ddeterminat x'azzjoni jeħtieġ li tittieħed u l-iskadenzi li jridu jiġu sodisfatti mill-partijiet interessati kollha sabiex jintlaħaq l-objettiv ta' ambjent sempliċi u mingħajr karti għad-dwana u l-kummerċ saż-żmien meta jidħol fis-seħħ il-Kodiċi Doganali Modernizzat.

¹ ĠU C 49, 29.2.2006, p.37

² ĠU C

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI KOMUNI

1. Ġenerali

Il-Kunsill, fil-pożizzjoni komuni tiegħu, jikkondividi l-oġġettiv tal-proposta, li huwa li jiġi stabbilit ambjent mingħajr karti għad-dwana u l-kummerċ. Madankollu, fid-dawl tad-diffikultajiet tekniċi inerenti għal tali proġett ambizzjuż, flimkien ma' allokazżjoni sostanzjali ta' riżorsi li jridu jiġu impenjati minn amministrazzjonijiet nazzjonali, il-Kunsill jiffavorixxi approċċ ta' pass wara pass, li jippermetti l-implimentazzjoni tas-sistemi elettroniċi f'fażijiet li jsegwu lil xulxin.

2. Emendi tal-PE

Il-Parlament Ewropew ma adotta ebda emenda għall-proposta.

3. Elementi ġodda introdotti mill-Kunsill

Il-punti ewlenin tal-pożizzjoni komuni li jvarjaw mill-proposta tal-Kummissjoni huma kif ġej:

Il-Premessi 12 u 13

Dawn il-Premessi ġodda, flimkien ma' l-Artikoli 15 u 16 li jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta miżuri implimentattivi, jirreferu għall-estensjoni ta' l-iskadenzi previsti taħt il-paragrafi 2,3 u 5 ta' l-Artikolu 4. Dawn il-miżuri, li huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u mfasslin biex jemendaw elementi mhux essenzjali tad-Deċiżjoni, għandhom jiġu adottati taħt il-proċedura regolatorja bi skrutinju, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999, kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE.

Artikolu 1 - Sistemi doganali elettroniċi

L-abbozzar ġie emendat biex jiċċara li l-iskambju elettroniku jikkonċerna "data li tinsab fid-dikjarazzjonijiet tad-dwana, dokumenti li jakkumpanjaw id-dikjarazzjonijiet tad-dwana, iċ-ċertifikati u informazzjoni rilevanti oħra".

Artikolu 2 - Objettivi

- Il-paragrafu 1 punt (ċ): il-formulazzjoni "l-interċezzjoni ta' merkanzija perikoluża u illegali" ġiet imħassra, minħabba li dan l-objettiv diġà kien inkluż fit-terminu "kontroll ta' merkanzija";
- Il-paragrafu 1punt (d): il-kelma "għajnuna" ġiet miżjudha biex tindika li s-sistemi elettroniċi bħala tali mhux ser jiżguraw il-ġbir ta' dazji, iżda ser jassistu l-awtoritajiet doganali fit-twettiq ta' din il-missjoni. It-termini "dazji doganali u ħlasijiet oħra" ġew introdotti, f'konformità mat-test tal-proposta għal Kodiċi Doganali Modernizzat;
- Il-paragrafu 1 punt (e): il-kelma "jirċievi" ġiet miżjudha biex tirrifletti l-fatt li l-informazzjoni għandha tiċċirkola lura u 'l quddiem tul il-katina ta' forniment internazzjonali;
- Il-paragrafu 1punt (f): l-abbozzar ġdid jorganizza mill-ġdid il-flussi ta' data, bejn l-awtoritajiet ta' pajjiżi ta' esportazzjoni u importazzjoni, kif ukoll bejn l-awtoritajiet doganali u l-operaturi ekonomiċi;
- Il-paragrafu 2 punt (b): l-abbozzar ġie emendat biex jieħu kont tal-proċessi relatati mad-dwana, f'konformità ma' l-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 1;

- Il-paragrafu 2 punt (ċ): il-prinċipju ta' sussidjarjetà, diġà msemmi fil-Premessa 11, jikkonċerna d-Deċiżjoni sħiħa u għalhekk m'għandux jiġi ripetut hawnhekk;
- Il-paragrafu 3: Il-Kunsill iqis li l-interoperabbiltà tas-sistemi doganali elettroniċi, mhux biss mas-sistemi doganali ta' pajjiżi terzi, iżda wkoll ma' dawk ta' organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom jitrajmu, sakemm tali objettiv ikun soġġett għal arranġamenti finanzjarji xierqa.

Artikolu 3 - Skambju ta' data

- Il-paragrafu 1 ġie rranġat mill-ġdid u mqassar, u t-termini "awtoritajiet doganali" ġew introdotti, f'konformità mat-test tal-proposta għal Kodiċi Doganali Modernizzat. Taħt il-punt (ċ), l-iskambju ta' data ġie ristrett għal aġenziji uffiċjali;
- Sabiex jittieħed kont tal-leġislazzjoni Komunitarja attwali dwar protezzjoni tad-data, il-Kunsill daħħal paragrafu ġdid 2 dwar l-iżvelar jew il-komunikazzjoni ta' data.

Artikolu 4 - Sistemi u servizzi, u skeda ta' żmien

L-Artikolu 4 ġie emendat biex jippermetti għal skadenzi li jsegwu lil xulxin, approċċ li l-Kunsill iqis aktar xierqa għall-implimentazzjoni tas-sistemi u s-servizzi previsti fil-proposta.

- Paragrafu 1: il-pożizzjoni komuni timpenja lill-Istati Membri li jagħmlu operattivi (u mhux biss jistabbilixxu) is-sistemi elettroniċi taħt il-punt (a) sa (ċ) skond il-ħtiġiet u l-iskedi ta' żmien stabbiliti fil-leġislazzjoni fis-seħħ;

- Il-paragrafu 1 punt (a): is-sistemi ta' importazzjoni u esportazzjoni għandhom jinteroperaw mas-sistema għal transitu (diġà implimentata). Interfażijiet elettroniċi ġew tressqu taħt il-paragrafu 4 punt (b);
- Il-paragrafu 1 punt (b): is-sistema ta' reġistrazzjoni għall-operaturi elettroniċi, li għandha tippermetti wkoll l-identifikazzjoni tagħhom u tinteropera mas-sistema ta' operaturi ekonomiċi awtorizzati, għandha tiegħu kont ta' sistemi Komunitarji jew nazzjonali eżistenti, sabiex ikunu evitati duplikazzjonijiet jew spejjeż mhux dovuti;
- Il-paragrafu 1 punt (ċ): l-inserzjoni ta' dan il-punt il-ġdid issegwi mill-proposta għal Kodiċi Doganali Modernizzat u r-rwol attribwit fih lill-operatur ekonomiku awtorizzat. Portali doganali komuni tressqu għall-paragrafu 2;
- Il-paragrafu 2: dispożizzjoni mressqa mill-paragrafu 1 punt (ċ): filwaqt li l-abbozzar ġie rranġat mill-ġdid, is-sustanza ta' din id-dispożizzjoni dwar il-portali doganali komuni tibqa' bla mittiefsa;
- Il-paragrafu 3: dispożizzjoni mressqa mill-paragrafu 2 punt (b): filwaqt li l-abbozzar ġie rranġat mill-ġdid, is-sustanza ta' din id-dispożizzjoni dwar ambjent tariffarju integrat tibqa' bla mittiefsa;
- Il-paragrafu 4: il-Kunsill jikkunsidra li, sabiex jiġi żgurat li l-oġġettivi mniżżlin fil-proposta jintlaħqu b'mod sigur, il-Kummissjoni għandha, fi żmien tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni u fi sħubija ma' l-Istati Membri, tivvaluta l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali komuni għal qafas għal punti ta' aċċess uniku, interfażijiet elettroniċi għall-operaturi ekonomiċi (qabel fil-paragrafu 1 punt (a)) u servizzi tas-single window.

- Il-paragrafu 5: wara l-evalwazzjoni pożittiva msemija fil-paragrafu 4, fi żmien tliet snin, l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom biex jippruvaw jistabbilixxu u jagħmlu operattiv il-qafas għal punti ta' aċċess uniku u l-interfażijiet elettroniċi għal operaturi ekonomiċi;
- Il-paragrafu 6: L-Istati Membri u l-Kummissjoni jimpenjaw ruħhom biex jippruvaw jistabbilixxu u jagħmlu operattiv il-qafas tas-single window, bil-progress f'dan il-qasam jiġi evalwat u rrapportat skond l-Artikolu 12;
- Il-paragrafu 7: l-abbozzar il-ġdid jippermetti għaż-żamma tas-sistemi, flimkien mat-titjib tagħhom deskritt fil-paragrafi ta' hawn fuq.

Artikolu 5 - Kompiti u Responsabbiltajiet

L-emenda għall-Artikolu 5 tiċċara r-responsabbiltajiet għall-komponenti Komunitarji u nazzjonali, li l-lista tagħhom ġiet magħmula mhux eżawrjenti, iżżied studji ta' fattibilità għall-komponenti Komunitarji u tispeċifika l-ispeċifikazzjonijiet tas-sistema komuni.

Artikolu 6 - Komponenti tal-Kummissjoni

- Il-punt (a): it-twaqqif ta' sistemi doganali elettroniċi ġiet miżjuda mal-kompiti, li l-lista tagħhom ġiet magħmula mhux eżawrjenti;
- Il-punt (ċ): il-Kunsill daħħal din id-dispożizzjoni, sabiex jorbot il-kompiti li għandhom jitlestew mill-Kummissjoni mal-pjan strateġiku pluriennali (previst fl-Artikolu 8(2));

- Il-punt (e): il-Kunsill jikkunsidra li l-koordinazzjoni mill-Kummissjoni fil-livell Komunitarju ta' servizzi doganali elettroniċi u servizzi ta' single window għandha wkoll trawwem il-promozzjoni u l-implimentazzjoni ta' dawn is-servizzi fil-livell nazzjonali;
- Il-punt (f): il-Kunsill jikkunsidra li l-koordinazzjoni ta' ħtiġiet ta' taħriġ hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni.

Artikolu 7 - Kompiti ta' l-Istati Membri

- Il-paragrafu 1punt (a): it-twaqqif ta' sistemi doganali elettroniċi għe miżjud mal-kompiti, li l-lista tagħhom għet magħmula mhux eżawrjenti (f'konformità ma' l-Artikolu 6, punt (a));
- Il-paragrafu 1punt (f): it-taħriġ għe miżjud mal-lista ta' kompiti taħt ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri (din id-dispożizzjoni tirrifletti l-Artikolu 6, l-ittra (f));
- Il-paragrafu 2: il-Kunsill jikkunsidra li l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni kull sena r-riżorsi meħtieġa biex ikun hemm konformità ma' l-Artikolu 4 u mal-pjan strateġiku pluriennali;
- Il-paragrafu 3: il-Kunsill jikkunsidra li l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, u mhux ifittxu l-approvazzjoni tagħha, qabel azzjoni rigward is-sistemi doganali elettroniċi li tista' tikkomprometti l-interoperabbiltà u l-funzjonament tagħhom.

Artikolu 8 - Strateġija u Koordinazzjoni

Il-Kunsill emenda t-titolu 8 biex jirrifletti l-importanza ta' koordinazzjoni u strateġija tajba fl-implimentazzjoni ta' sistemi u servizzi previsti fil-proposta. Fil-paragrafu 1 punt (ċ), ġiet miżjuda l-koordinazzjoni ta' l-informazzjoni ta' l-awtoritajiet doganali u l-operaturi ekonomiċi. Il-paragrafu 1 punt (e) ġie allinjat ma' l-abbozzar il-ġdid ta' l-Artikolu 4.

Artikolu 10 - Dispożizzjonijiet finanzjarji

- Il-paragrafu 1 joħloq rabta ma' l-Artikolu 2(3), u l-ispejjeż li jaqgħu fuq pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali skond din id-dispożizzjoni;
- Il-paragrafu 4: l-ewwel parti ta' din id-dispożizzjoni ġiet trasferita għall-Artikolu 7(2).

Artikolu 12 - Rapport

- Il-paragrafu 2 ġie emendat, bid-data ta' għoti tar-rapport annwali posposta għal Marzu, b'hekk l-Istati Membri ngħataw żmien suffiċjenti biex iħejju r-rappurtar tagħhom, u b'dawn ir-rapporti bbażati fuq format standard;
- Fil-paragrafu 3, il-Kunsill jipposponi kif meħtieġ, minn Marzu għal Ġunju, id-data ta' l-għoti tar-rapport annwali konsolidat stabbilit mill-Kummissjoni. Dan ir-rapport konsolidat għandu jevalwa wkoll il-progress miksub mill-Istati Membri u l-Kummissjoni, b'mod partikolari rigward l-implimentazzjoni ta' sistemi u servizzi mniżżlin fl-Artikolu 4, u l-ħtieġa possibbli għal estensjoni ta' l-iskadenzi stabbiliti f'dan l-Artikolu. Ir-rapport konsolidat, li għandu wkoll jiġi sottomess lill-Grupp tal-Politika Doganali, għandu jkun fih ir-riżultati ta' kwakunkwe żjarat ta' monitoraġġ mill-Kummissjoni.

Artikolu 15 – Miżuri ta' implimentazzjoni

F'din id-dispożizzjoni l-ġdida, il-Kunsill jipprovdi għall-adozzjoni mill-Kummissjoni skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju, tal-miżuri ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu estensjoni ta' l-iskadenzi previsti taħt il-paragrafi 2, 3 u 5 ta' l-Artikolu 4.

Artikolu 16 – Kumitat

Din id-dispożizzjoni l-ġdida tipprovdi għall-kumitat li l-kompitu tiegħu huwa li jassisti lill-Kummissjoni fl-adozzjoni tal-miżuri implimentattivi msemmija fl-Artikolu 15.

IV. KONKLUŻJONI

Il-Pożizzjoni Komuni, li ġiet adottata unanimament mill-Kunsill u li hija appoġġata mill-Kummissjoni, ġiet imfassla biex tikseb, f'qafas ta' żmien realistiku u b'kont meħud ta' l-isfidi tekniċi u politiċi marbutin magħha, l-għan tad-Deċizzjoni proposta, li huwa li jiġi stabbilit ambjent mingħajr karti għad-dwana u l-kummerċ u biex jinħoloq strument għall-implimentazzjoni ta' sistemi doganali awtomatizzati interoperabbli u aċċessibbli u għal proċessi u servizzi koordinati.